



Il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta regoli ġodda dwar l-ammissjoni ta' appelli f'kawżi li diġà jkunu ġew eżaminati darbtejn

Appell b'hal dan jiġi ammess, kompletament jew parzjalment, biss jekk iqajjem kwistjoni importanti għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

Fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali wettqu riflessjoni ġenerali fuq il-kompetenzi li jeżerċitaw u eżaminaw jekk hemmx il-ħtieġa li jitwettqu ċerti tibdiliet, b'mod partikolari, fit-trattament tal-appelli mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Minn dan l-eżami rriżulta li numru ta' **appelli jsiru f'kawżi li diġà jkunu ġew eżaminati darbtejn, minn bord tal-appell indipendenti fl-ewwel istanza, u sussegwentement mill-Qorti Ġenerali**, u li numru minn dawn l-appelli jiġu miċħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba nuqqas manifest ta' fondatezza.

Bil-għan li l-Qorti tal-Ġustizzja titħalla tikkonċentra fuq il-kawżi li jeħtieġu l-attenzjoni sħiħa tagħha, ġie għalhekk propost, bir-rieda ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li tiġi introdotta, għall-appelli relatati ma' kawżi b'hal dawn, proċedura li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tammetti appell, kompletament jew parzjalment, biss jekk iqajjem kwistjoni importanti għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

Il-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ¹ u r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ² ġew emendati b'hal konsegwenza. Dawn l-emendi **jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019** ³.

Skont ir-regoli l-ġodda, l-eżami ta' appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjoni ta' bord tal-appell indipendenti minn wieħed mill-uffiċċji jew aġenziji li ġejjin issa ser ikun suġġett għall-ammissjoni preliminari tagħhom mill-Qorti tal-Ġustizzja:

- l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (Alicante, Spanja);
- l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (Angers, Franza);
- l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (Helsinki, il-Finlandja);
- l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (Köln, il-Ġermanja).

F'dawn il-kawżi, flimkien mal-appell għandu jkun hemm talba għall-ammissjoni tal-appell, ta' tul massimu ta' seba' paġni, li fiha l-appellant jesponi, b'mod ċar, il-kwistjoni importanti mqajma mill-appell għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni. Fl-assenza ta' tali talba, l-appell innifsu jiġi ddikjarat inammissibbli.

Jekk it-talba tkun konformi mar-rekwiżiti formali mitluba, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq l-ammissjoni tal-appell jew le fl-iqsar żmien possibbli permezz ta' digriet motivat, ippubblikat fuq is-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni tittieħed, fuq proposta tal-Imħallef Relatur wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, minn awla maħluqa speċjalment għal dan il-għan, ippresjeduta mill-Viċi

¹ L-Artikolu 58a tal-Istatut.

² Il-Kapitolu Ia tat-Titolu V tar-Regoli tal-Proċedura.

³ ĠU – 2019 L 111, p.1.

President tal-Qorti tal-Ġustizzja u li tinkludi wkoll l-Imħallef Relatur u l-President tal-Awla bi tliet Imħallfin li lilha jkun assenjat l-Imħallef Relatur fid-data tal-preżentata tat-talba.

Id-digriet ta' ammissjoni tal-appell għandu jiġi nnotifikat, flimkien mal-appell, lill-partijiet fil-kawża inkwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali u għandu jispeċifika, fil-każ li l-appell jiġi ammess parzjalment, l-aggravji jew il-partijiet tal-appell li għandhom jiġu indirizzati mir-risposta għall-appell.

Il-Qorti Ġenerali u, fejn ma kinux parti fil-kawża inkwistjoni quddiemha, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jiġu informati wkoll mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja bid-deċiżjoni ta' ammissjoni tal-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355